**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol"**

*(COM(2018)131 final — 2018/0064 (COD))*

(2018/C 440/21)

Relatur: **Carlos Manuel TRINDADE**


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill, 6.4.2018 |
| | Il-Parlament Ewropew, 16.4.2018 |
| Bażi legali | Artikoli 46, 91(1) u 304 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 19.7.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 20.9.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 537 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 189/16/29 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |


1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol transkonfinali tippreżenta problemi importanti għall-impriżi, għall-ħaddiema u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' kompetizzjoni inġusta, dumping soċjali, attivitajiet illegali u ftipi differeni ta' frodi dwar it-taxxi u s-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' informazzjoni għall-impriżi u l-ħaddiema, in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-kapaċità batuta tal-biċċa l-kbira tal-ispettorati tax-xogħol ikomplu jaggravaw il-problemi u l-kunflitti eżistenti. Minkejja li ttieħdu xi miżuri, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-President tal-Kummissjoni, il-KESE, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li ssir aktar ħidma u li dik il-ħidma tkun aħjar sabiex tingħeleb din is-sitwazzjoni.

1.2. Il-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) hija, jekk tiġi implimentata b'mod adegwat, pass importanti f'direzzjoni ċerta sabiex titjieb il-mobilità transkonfinali, tinkiseb konformità mal-leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali, titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tas-suq tax-xogħol u jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni adegwata u aġġornata, jiġu miġġielda l-illegalitajiet u jissaħħaħ is-suq intern, dejjem jekk l-ELA tirirspetta l-kompetenzi nazzjonali u Ewropej u l-Istati Membri juru l-appoġġ u l-kooperazzjoni tagħhom.

1.3. Il-KESE jappoġġja din l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni tal-problema tal-mobilità transkonfinali. Huwa josserva li l-Kummissjoni qed tipproponi regolament għat-twaqqif ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol u jenfasizza li ġiet stabbilita forma bbilanċjata ta' kooperazzjoni strutturata bejn l-Istati Membri sabiex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi u ta' valur miżjud għall-impriżi, il-ħaddiema, u l-awtoritajiet u l-ispettorati tax-xogħol nazzjonali, filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

1.4. B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-isforz tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kooperazzjoni transkonfinali u li tevita l-prattiki illegali. B'mod speċjali, il-KESE jispeċifika l-punti ta' qbil (ara 4.1), jippreżenta kummenti (ara 4.2) u jressaq xi proposti (ara 4.3) li jittama li jiġu kkunsidrati sabiex titjieb l-effiċjenza tal-azzjoni tal-ELA.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni toqgħod attenta ħafna hija u tinkorpora d-diversi korpi fl-ELA, sabiex l-esperjenza u l-għarfien espert akkumulati jintużaw kif imiss u sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda trikkib ma' strumenti u strutturi oħra, bl-għan fl-aħħar mill-aħħar li jiġi żgurat li l-azzjon tal-ELA tkun iżjed effettiva. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza tal-ELA permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi proprji, sabiex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha. Madankollu, il-KESE jwissi li l-ELA jista' jkollha skarsezza ta' riżorsi, li jpoġġi f'riskju l-effettività tagħha. Għalhekk, filwaqt li jieħu nota ta' dawn il-preokkupazzjonijiet u oħrajn li ġew espressi dwar il-kosteffettività tagħha, huwa importanti li jiġi żgurat li r-riżorsi tagħha jiġu ġestiti kif imiss.

1.6. Mid-diversi proposti ppreżentati l-KESE jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari sabiex issir referenza għall-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali (ara 4.3.3). Is-soluzzjonijiet għall-problema tal-mobilità transkonfinali għandhom jinstabu aktar faċilment fil-qafas ta' involviment aktar attiv tal-imsieħba soċjali, fuq livell Ewropew, nazzjonali u settorjali, peress li dan huwa l-objettiv ta' din il-proposta tal-KESE li qiegħda tiġi ppreżentata issa. Il-KESE jipproponi li l-Grupp ta' Partijiet Interessati tal-ELA jiġi ttrasformat f'Kunsill Konsultattiv tal-ELA u li tissaħħaħ il-preżenza tal-imsieħba soċjali f'dan il-korp.

## 2. **Kuntest**

2.1. Kien hemm żieda ferm sinifikanti fil-mobilità tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin: bejn l-2010 u l-2017, in-numru ta' ċittadini li jaħdmu jew jgħixu fi Stat Membru differenti minn dak fejn twieldu żdied minn 8 miljun għal 17-il miljun u n-numru ta' ħaddiema spostati żdied bi 68 % mill-2010 biex laħaq 2,3 miljun fl-2016. Hemm ukoll iktar minn 2 miljun ħaddiem fis-settur tat-trasport bit-triq li jaqsmu l-fruntieri interni tal-UE kuljum biex iwasslu merkanzija jew passiġġieri ([1]).

2.2. Aspett importanti tar-realtà soċjali Ewropea għandu x'jaqsam mal-effett tal-faqar li ma naqasx b'mod sinifikanti u li jolqot lil 23,5 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea ([2]). Uħud minn dawn il-persuni huma inattivi u skoraġġuti, ċittadini b'diżabbiltà, immigranti minn pajjiżi terzi, Roma u persuni mingħajr dar, u parti minnhom jgħixu fi Stat Membru differenti minn dak minn fejn joriġinaw, u għalihom jistgħu jinsabu soluzzjonijiet aktar faċilment jekk is-swieq tax-xogħol transkonfinali jaħdmu b'mod aktar effiċjenti għaliex jinfetħu possibbiltajiet ta' xogħol akbar.

2.3. L-istituzzjonijiet Ewropej espremew il-fehma tagħhom dwar il-kwistjoni tal-mobilità tax-xogħol. Il-Kumissjoni tgħid li: "Madankollu, għad hemm tħassib dwar il-konformità mar-regoli tal-UE u l-infurzar effettiv u effiċjenti tagħhom, li jinsabu f'riskju li jipperikolaw il-fiduċja u l-ġustizzja fis-Suq Intern. B'mod partikolari, ġie espress tħassib b'rabta mal-ħaddiema mobbli li huma vulnerabbli għal abbuż jew ċaħda tad-drittijiet tagħhom, kif ukoll in-negozji li joperaw f'ambjent kummerċjali inċert jew mhux ċar u f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ekwi" ([3]). Il-Parlament Ewropew jisħaq fuq "il-ħtieġa kemm tal-infurzar tal-kontrolli kif ukoll tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u minnhom, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-iskambji tal-informazzjoni bejn l-ispettorati tax-xogħol, u biex jappoġġaw b'mod attiv l-eżerċitar tad-drittijiet tal-moviment liberu" ([4]). Il-Kunsill jenfasizza "il-ħtieġa ta' titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva u tal-iżvilupp ta' assistenza u skambji ta' informazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-frodi marbuta mal-istazzjonar tal-ħaddiema, filwaqt li enfasizza l-importanza ta' informazzjoni ċara u trasparenti għall-fornituri tas-servizzi u għall-ħaddiema" ([5]).

2.4. Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mogħti fit-13 ta' Settembru 2017 mill-President Jean-Claude Juncker jiġbor fil-qosor il-pożizzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej: "Għandna niżguraw li r-regoli kollha tal-UE dwar il-mobilità tal-ħaddiema jiġu infurzati b'mod ġust, sempliċi u effettiv minn korp Ewropew ġdid ta' spezzjoni u ta' infurzar. Ma jagħmilx sens li jkollna Awtorità Bankarja biex tissorvelja l-istandards bankarji, mentri mbagħad ma jkollniex Awtorità komuni tax-Xogħol li tiżgura l-ġustizzja fis-suq uniku tagħna" ([6]).

2.5. Il-KESE diġà ħareġ diversi Opinjonijiet ([7]) dwar dan is-suġġett.

2.6. Minkejja l-adozzjoni f'dawn l-aħħar snin ta' ġabra ta' inizjattivi u proposti li jippromovu mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol, l-applikazzjoni u l-kontroll rispettiv tagħha għadhom mhumiex biżżejjed.

2.7. Is-sitwazzjoni attwali, li hija kkaratterizzata minn abbużi u prattiki illegali f'ċerti Stati Membri, hija marbuta mal-populiżmu u ppromoviet sentimenti anti-Ewropej u żieda fil-protezzjoniżmu, li żviluppaw f'dawn l-aħħar snin f'ħafna Stati Membri.

2.8. Dawn il-konstatazzjonijiet juru li d-drittijiet espressi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhumiex imwettqa, b'mod partikolari l-Artikoli 15, 16, 21, 29, 31, 34, 35 u 45.

---

(1) SWD(2018) 68 final, p. 7 (mhux disponibbli bil-Malti).
(2) Popolazzjoni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, 2016 (EUROSTAT, 2018)
(3) COM(2018) 131 final, p. 1.
(4) COM(2018) 131 final, p. 1 and 2, 2015/2255(INI), 2013/2112(INI), 2016/2095(INI).
(5) COM(2018) 131 final, p. 2.
(6) Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 huwa disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/state-union-2017_mt
(7) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 81; ĠU C 264, 20.7.2016, p. 11; ĠU C 345, 13.10.2017, p. 85; ĠU C 197, 8.6.2018, p. 45

2.9. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' din is-sitwazzjoni kien wieħed mill-argumenti ewlenin għall-Proklamazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li għandu l-għan li jiggarantixxi liċ-ċittadini "opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali" ([8]).

2.10. Dawn l-osservazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu t-twissijiet u l-ilmenti li l-imsieħba soċjali Ewropej, it-trejdjunjins u l-impriżi, u diversi awtoritajiet nazzjonali ppreżentaw matul is-snin, hekk kif talbu għal politiki li jindirizzaw dan il-fenomenu.

2.11. Ġew rikonoxxuti d-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fil-livell ta' allokazzjonijiet u riżorsi tal-ispettorati tax-xogħol, billi f'ħafna każijiet hemm ħafna inqas spetturi minn dak li tirrakkomanda l-ILO ([9]). Barra minn hekk, it-tnaqqis fir-riżorsi ddeduikati għall-ispettorat tax-xogħol, id-diffikultajiet lingwistiċi u d-diversi livelli ta' diġitalizzazzjoni enfasizzaw in-nuqqas ta' għarfien dwar kif topera l-mobilità transkonfinali tal-forza tax-xogħol, u wasslu għall-ħtieġa ta' attivitajiet fil-livell tal-UE u għajnuna lill-Istati Membri bil-għan li jegħlbu dawn in-nuqqasijiet u jkunu iżjed effiċjenti u proattivi billi jikkooperaw u jieħdu sehem b'mod volontarju f'inizjattivi konġunti.

2.12. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi fuq l-internet ([10]) u tal-konsultazzjonijiet interni juru li hemm lakuna, b'mod partikolari fir-rigward tal-inadegwatezza tal-appoġġ u l-gwida għall-ħaddiema u n-negozji f'sitwazzjonijiet transkonfinali, inklużi l-inkompletezza u n-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-livell insuffiċjenti ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u l-applikazzjoni ineffettiva tar-regoli. Il-konsultazzjonijiet immirati rendew riżultati varjati. Il-biċċa l-kbira tal-kontributuri jappoġġjaw il-ħolqien ta' awtorità ġdida li tkun tiffoka fuq it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, waqt li tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni u l-prassi tajba. Fl-istess ħin, ir-rispondenti saħqu li l-awtorità ġdida jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali minquxa fit-Trattat, u li din ma timponix rekwiżiti addizzjonali dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni. Kien hemm ukoll vuċijiet kritiċi dwar duplikazzjonijiet possibbli ma' strutturi amministrattivi eżistenti.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-illegalitajiet u l-frodi fil-mobilità transkonfinali. Għal dan il-għan, il-ħolqien ta' Awtorità Ewropea tax-Xogħol huwa segwiru għal-linji gwida politiċi ta' Lulju 2014 dwar il-bini ta' Ewropa aktar soċjali.

3.2. Il-KESE jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħtieġa ta' kooperazzjoni effikaċi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u azzjoni amministrattiva kkoordinata sabiex jiġi amministrat is-suq tax-xogħol li qiegħed isir dejjem aktar Ewropew u sabiex tingħata risposta, permezz tal-ELA, jekk din tinħoloq, b'mandat ċar li jirrispetta s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, b'mod ġust, sempliċi u effettiv għal sfidi importanti tal-mobilità transkonfinali ([11]).

3.3. Il-KESE jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li l-"mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera fl-UE tibbenefika lill-individwi, lill-ekonomiji u lis-soċjetà inġenerali." u li dawk il-vantaġġi "jiddependu minn regoli ċari, ġusti u infurzati b'mod effettiv dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali transfruntiera" ([12]).

3.4. Il-KESE, waqt li analizza l-proposta tal-Kummissjoni biex jivverifika jekk din hijiex konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, mal-ftehim tal-Parlament u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni tal-aġenziji Ewropej diċentralizzati, mal-prinċipju ta' leġislazzjoni aħjar, kif ukoll mar-relazzjoni bejn l-inizjattiva proposta u l-Pjattaforma dwar ix-xogħol mhux iddikjarat, jikkunsidra li din hija konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

---

([8]) COM(2017) 250, p. 4.

([9]) Skont il-Konvenzjoni nru 81 tal-ILO, għandu jiġi allokat spettur wieħed għal kull għaxart elef ħaddiem fl-ekonomiji tas-suq industrijalizzati (il-297 Sessjoni tal-ILO, Novembru 2006).

([10]) COM(2018) 131 final.

([11]) Il-Kummissjoni Ewropea telenka dawn l-isfidi, u tidentifikahom b'dan il-mod: – l-eżistenza ta' każijiet ta' dumping soċjali, u n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni fis-seħħ u prattiki frodulenti f'sitwazzjonijiet transkonfinali; – informazzjoni, appoġġ u gwida inadegwati għall-ħaddiema u l-impjegaturi f'sitwazzjonijiet transkonfinali fil-livell tad-drittijiet u l-obbligi; – in-nuqqas ta' aċċess u kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal diversi oqsma tal-mobilità tal-forxa tax-xogħol u ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali; – kapaċità insuffiċjenti tal-awtoritajiet nazzjonali fl-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn; – il-fraġilità u n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' azzjoni transkonfinali sabiex jiġu imposti l-applikazzjoni u t-twettiq tal-leġislazzjoni; – in-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' medjazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri fl-oqsma kollha tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

([12]) COM(2018) 131 final.

3.5. Il-KESE jikkunsidra li l-għażla mill-Kummissjoni ta' soluzzjoni operazzjonali li tinħoloq aġenzija ġdida abbażi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li tinqeda minn strutturi eżistenti, bejn id-diversi xenarji kkunsidrati ([13]), hija adegwata u tissodisfa, f'dan il-mument, il-ħtiġijiet eżistenti, waqt li jaqbel ukoll mal-Kummissjoni li l-forma għall-implimentazzjoni tal-ELA – permezz ta' regolament, jekk jiġi approvat – tipprovdi ċertezza legali akbar, u għaldaqstant huwa l-aktar għażla adatta.

3.6. Il-KESE jikkunsidra li l-ħolqien tal-ELA, jekk ikun hemm kooperazzjoni mill-Istati Membri kollha, jista' jindirizza n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati iktar 'il fuq. Il-KESE jenfasizza li l-ELA għandha tkun iffukata fuq it-titjib tal-mobilità tal-forza tax-xogħol, l-applikazzjoni tar-regoli, il-ġlieda kontra l-illegalitajiet u t-tisħiħ tas-suq intern permezz tat-tisħiħ ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri. Aktar ma l-ELA tintrabat mal-missjoni tagħha, mingħajr ma tneħħi għajnejha minn fuq l-objettivi tagħha, aktar tkun tista' telimina b'mod aħjar ir-rappreżentazzjonijiet żbaljati jew l-interpretazzjonijiet negattivi tar-relevanza tagħha.

3.7. Il-KESE b'mod ġenerali jaqbel mal-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni b'mod partikolari l-għanijiet (Art. 2), il-kompiti (Art. 5), l-informazzjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera (Art. 6), l-aċċess għal servizzi tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera (Art. 7), il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri (Art. 8), u l-kooperazzjoni f'każ ta' tfixkil transfruntier fis-suq tax-xogħol (Art. 14) għaliex jiddefinixxu l-kompiti tal-ELA li jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata l-osservanza ta' drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali taħt kundizzjonijiet ta' ugwaljanza fil-pajjiż ospitanti, il-ġlieda kontra d-dumping soċjali, l-eżistenza ta' kompetizzjoni sana bejn l-impriżi u l-ġlieda kontra l-frodi fil-mobilità transkonfinali, problemi li l-Istati Membri ma jistgħux isolvu weħidhom.

3.8. Il-KESE huwa tal-fehma li dawn l-għanijiet u l-kompiti jiċċaraw id-dubji leġittimi dwar il-funzjonijiet effettivi u r-rwol tal-ELA.

3.9. Il-KESE jikkunsidra li l-azzjoni tal-ELA għandha l-kundizzjonijiet kollha biex tkun pożittiva, inkwantu tikkontribwixxi biex l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali jingħataw appoġġ operazzjonali u tekniku effikaċi sabiex jiġġieldu kontra l-illegalitajiet, l-abbużi u l-frodi fil-mobilità tal-forza tax-xogħol. Il-garanzija tal-applikazzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u taċ-ċittadini għal trattament ugwali, għall-aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol u għas-sigurtà soċjali ser tiġi żgurata permezz tal-għoti ta' informazzjoni u servizzi rilevanti lill-ħaddiema u lill-impjegaturi, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, it-twettiq ta' spezzjonijiet konġunti u kkoordinati, il-kollaborazzjoni fil-każ ta' tilwim u tfixkil tas-suq tax-xogħol b'effetti transkonfinali, kif ukoll ir-ristrutturazzjonijiet ta' impriżi li jaffettwaw lil diversi Stati Membri.

3.10. Il-KESE jittama li l-ELA tirrappreżenta ispirazzjoni u stimolu għaż-żieda tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fl-ispettorati tax-xogħol u l-persunal tagħhom, kif ukoll fl-għoti ta' informazzjoni u pariri biex l-impriżi u l-ħaddiema Ewropej jingħataw għajnuna sabiex ikunu jafu liema regoli huma applikabbli f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

3.11. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' forom ġodda ta' xogħol li jirriżultaw minn innovazzjonijiet teknoloġiċi u diġitali fl-impriżi u fis-suq tax-xogħol. Dawn inevitabbilment ser jixirfu f'sitwazzjonijiet ta' mobilità transkonfinali, u l-ELA għalhekk għandha tqis din ir-realtà ġdida.

3.12. Il-KESE jittama li s-sinerġiji potenzjali li jirriżultaw minn konċentrazzjoni ta' esperjenzi, kapaċitajiet u kompiti u l-kooperazzjoni prevista għall-ELA jsiru effettivi, u b'hekk jiġu evitati d-duplikazzjoni u n-nuqqas ta' ċarezza, fid-dawl tal-fatt li:

3.12.1. Ser tintegra għadd ta' strutturi eżistenti, b'mod partikolari n-Netwerk Ewropew ta' Servizzi ta' Impjieg (EURES), il-Kumitat Tekniku għall-Moviment Liberu tal-Persuni, il-Kumitat ta' Esperti dwar l-Ispostament tal-Ħaddiema, il-Kummissjoni Teknika, il-Kummissjoni tal-Awditu u l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali u l-Pjattaforma Ewropea biex jiġi miġġieled ix-Xogħol mhux Iddikjarat.

3.12.2. Ser tikkoopera mal-Aġenziji Ewropej eżistenti fil-qasam tax-xogħol, bħas-Cedefop ([14]), l-ETF ([15]), l-EU-OSHA ([16]), l-Eurofound ([17]), il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, u mal-Kumitat Konsultattiv għall-Moviment Liberu tal-Ħaddiema.

([13]) SWD(2018) 68 final u SWD (2018) 69 final, Kapitolu B (mhux disponibbli bil-Malti).
([14]) Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali.
([15]) Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ.
([16]) Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.
([17]) Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol.

3.12.3. Madankollu, il-KESE jittama li dawn l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni mtejba ser jikkostitwixxu progress mil-lat tal-effettività u li l-prattika tajba u xogħol f'dawn id-diversi oqsma mhux ser jiġu ppreġudikati. Il-KESE jinnota l-eżempji tajbin fil-pajjiżi tal-Benelux, fil-Pjattaforma kontra x-xogħol mhux iddikjarat, u fil-ħolqien ta' karta tal-identità Ewropea fis-settur tal-kostruzzjoni ċivili, li għandhom jiġu mħarsa u rreplikati safejn ikun possibbli u, b'dawn il-kapaċitajiet, għandhom jitnedew inizjattivi innovattivi oħrajn tal-istess natura. Eżempju ta' dan it-tip ta' inizjattivi innovattivi huwa l-ħolqien ta' numru Ewropew tas-sigurtà soċjali, li għandu jiġi implimentat wara l-aġġornament li jinsab għaddej tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([18]) u t-tlestija tal-ħidma għall-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI).

3.13. Il-KESE jisħaq dwar l-importanza tal-involviment tal-imsieħba soċjali fil-funzjonament u l-governanza tal-ELA (Art. 24). Madankollu, il-KESE jenfasizza li fil-forma kif prevista din il-parteċipazzjoni hija manifestament insuffiċjenti. Il-KESE jittama li dik il-parteċipazzjoni jista' jkollha kundizzjonijiet effettivi biex tibni valur miżjud ġenwin għas-soluzzjoni ta' problemi konkreti tal-mobilità tal-forza tax-xogħol.

3.14. Il-KESE jifhem li l-ELA għandha tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u ma tindaħalx fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri, b'mod partikolari fis-sistemi tagħhom ta' relazzjonijiet industrijali u negozjati kollettivi, f'kull livell, bl-awtonomija tal-imsieħba soċjali u tal-ispettorati tax-xogħol.

## 4. **Osservazzjonijiet speċifiċi**

4.1. Il-KESE jenfasizza u jappoġġja:

4.1.1. Il-promozzjoni ta' spezzjonijiet konġunti u kkoordinati mal-awtoritajiet nazjonali kull meta jseħħu każijiet ta' nuqqas ta' konformità, frodi jew abbuż, iżda b'mod konformi mal-leġislazzjoni tal-Istati Membri inkwistjoni. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom isiru fuq bażi volontarja, bil-għan li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri. Barra minn hekk, isejjaħ l-attenzjoni għall-fatt li nuqqas possibbli ta' parteċipazzjoni ta' Stat Membru – li dejjem trid tkun issostanzjata – tista' tippreġudika l-effikaċja tal-azzjoni tal-ELA.

4.1.2. Li l-ELA m'għandhiex is-setgħa ta' inizjattiva għat-twettiq ta' spezzjonijiet konġunti u kkoordinati – li jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda għandha l-kapaċità li tissuġġerixxi lill-Istati Membri t-twettiq tagħhom meta tiskopri każijiet ta' ksur legali, abbużi jew frodi transkonfinali.

4.1.3. L-ELA tassumi r-responsabbiltà għall-Portal Ewropew dwar il-Mobilità Professjonali, b'interazzjoni mal-Portal Diġitali Uniku, fl-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) u ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI).

4.1.4. Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni mill-ELA tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali u ta' negozjar kollettiv, b'mod partikolari, l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tagħha fil-kisba tal-objettivi tagħha stess.

4.1.5. L-importanza tal-appoġġ tal-ELA b'mod partikolari fil-qasam informattiv u tekniku lit-trejdjunjins u l-impriżi kif ukoll f'każijiet ta' kunflitti tax-xogħol transkonfinali, waqt li jiġi rikonoxxut ukoll ir-rwol fundamentali li dawn jiżvolġu biex tinkiseb konformità mal-leġislazzjoni.

4.1.6. It-twettiq mill-ELA ta' medjazzjoni f'kunflitti bejn l-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fl-ambitu ta' tilwim dwar is-sigurtà soċjali, u dan il-proċess għandu jiġi ċċarat.

4.1.7. Li uffiċjali ta' kollegament nazzjonali ċertament jagħmlu lill-ELA aktar effikaċi, inkwantu dawn jikkollegaw mal-Istati Membri. Madankollu, ir-relazzjonijiet funzjonali tagħhom mal-Istati Membri ta' oriġini għandhom jiġu ċċarati, mhux biss mal-amministrazzjoni iżda wkoll mal-imsieħba soċjali nazzjonali.

4.1.8. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza tal-ELA permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi proprji, sabiex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha. Madankollu, il-KESE jwissi li l-ELA jista' jkollha skarsezza ta' riżorsi, li jpoġġi f'riskju l-effettività tagħha. Hemm ukoll għadd ta' preokkupazzjonijiet dwar il-kosteffettività tagħha u għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li r-riżorsi tagħha jiġu ġestiti kif imiss.

([18]) ĠU L 166, 30.4.2004, p.1, rettifika ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1

4.2. Il-KESE, waqt li jikkunsidra l-funzjonijiet assenjati lill-ELA, josserva li:

4.2.1. It-tilwim bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, fil-qasam tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u ta' koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, jista' jiġi solvut permezz ta' medjazzjoni mill-ELA fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Itati Membri, u bi qbil magħhom.

4.2.2. L-eżistenza ta' tali medjazzjoni ma tistax iċċaħħad il-possibbiltà ta' rikors minn kwalunkwe parti involuta lill-qrati kompetenti.

4.2.3. Jenħtieġ li jiġu ċċarati l-interazzjonijiet u l-kooperazzjoni tal-ELA mal-aġenziji u korpi oħrajn tal-UE li huma marbuta ma' kwistjonijiet ta' xogħol u mat-twettiq u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni.

4.2.4. Il-ħolqien tal-ELA m'għandhiex tikkawża żieda fl-ispejjeż amministrattivi għall-impriżi u l-ħaddiema.

4.3. Il-KESE, waqt li jikkunsidra l-ħtieġa li jikseb l-għanijiet sottostanti għall-ħolqien tal-ELA, jipproponi li fil-proposta ta' Regolament tal-Kummissjoni Ewropea jiġu inklużi:

4.3.1. Jeħtieġ li jiġi ċċarat iżjed l-obbligu tal-Istati Membri li jikkooperaw mal-ELA, billi jipprovdu informazzjoni u assistenza u jagħmlu disponibbli l-aċċess għal bażijiet ta' data nazzjonali, fl-ambitu tal-leġislazzjoni, tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa. Bl-istess mod, għandu jiġi ċċarat kif ser jitqassmu l-ispejjeż mid-diversi Stati Membri, b'mod partikolari fil-livell tal-ispezzjonijiet konġunti.

4.3.2. Il-ħidma tal-ELA permezz ta' relazzjoni mill-qrib, fejn rilevanti, mal-Europol u l-Eurojust, għandha tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-frodi.

4.3.3. Emenda għall-Artikolu 24 tar-Regolament dwar il-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali, peress li huwa ċar li dan mhuwiex suffiċjenti, waqt li jiġi propost li:

— jinħoloq Kunsill Konsultattiv tal-ELA, li jissostitwixxi l-hekk imsejjaħ "Grupp ta' Partijiet Interessati";

— il-kompetenza ta' dan il-Kunsill, minbarra dak li huwa diġà ddefinit fl-Artikolu msemmi, hija li jagħti opinjoni dwar il-Pjan ta' Attivitajiet annwali skont il-mandat, dwar ir-Rapport ta' Attivitajiet u dwar il-proposta tal-Kunsill Amministrattiv għall-ħatra ta' direttur eżekuttiv;

— il-kompożizzjoni ta' dan il-Kunsill hija ta' 17-il membru, 12 mill-imsieħba soċjali Ewropej (inklużi s-setturi rilevanti tal-kostruzzjoni ċivili, agrikoltura u trasport), 3 mill-Kummissjoni, il-president tal-Kunsill Amministrattiv, li ser jippresjedi l-Kunsill Konsultattiv, u d-direttur eżekuttiv;

— dan il-Kunsill għandu jiltaqa', bħala minimu, tliet darbiet fis-sena.

4.3.4. Il-ħolqien mill-ELA ta' bażi ta' data bl-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, li tkun aġġornata, dwar impriżi li jikkommettu illegalitajiet fir-rigward tal-mobilità transkonfinali.

4.3.5. It-tħassib tal-ELA għall-ħolqien ta' numru Ewropew ta' sigurtà soċjali, għalkemm is-setgħa ta' inizjattiva f'dan il-qasam hija f'idejn il-Kummissjoni.

4.3.6. It-tfassil mill-ELA ta' Rapport Annwali dwar il-Mobilità Transkonfinali b'evalwazzjoni tar-riskji u dak li jista' jseħħ, b'mod partikolari fiż-żoni ġeografiċi u/jew l-iżjed setturi vulnerabbli.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Luca JAHIER

*ANNESS*

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċeview tal-inqas kwart tal-voti mixħuta (Artikolu 39(2) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Punt 1.1**

Ibdel it-test kif ġej:

1.1. *Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol transkonfinali tippreżenta problemi importanti għall-impriżi, għall-ħaddiema u għall-Istati Membri, b'mod partikolari fil-forma ta' kompetizzjoni inġusta, ~~dumping soċjali u~~ diversi illegalitajiet u frodi fil-livell fiskali u tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' informazzjoni għall-impriżi u l-ħaddiema, in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-kapaċità batuta tal-biċċa l-kbira tal-ispettorati tax-xogħol ikomplu jaggravaw il-problemi u l-kunflitti eżistenti. Minkejja li ttieħdu xi miżuri, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-President tal-Kummissjoni, il-KESE, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar il-ħtieġa li ssir aktar ħidma u li dik il-ħidma tkun aħjar sabiex tingħeleb din is-sitwazzjoni.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 93

Kontra: 124

Astensjonijiet: 13

**Punt 3.7**

Ibdel it-test kif ġej:

3.7. *Il-KESE b'mod ġenerali jaqbel mal-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni b'mod partikolari l-għanijiet (Art. 2), il-kompiti (Art. 5), l-informazzjoni dwar il-mobilità transkonfinali tal-forza tax-xogħol (Art. 7), il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri (Art. 8), u l-kooperazzjoni fil-każ ta' tfixkil fis-suq tax-xogħol li ~~jkollhom~~ jkollu impatt transkonfinali li jolqot il-ħaddiema transkonfinali (Art. 14) għaliex jiddefinixxu l-kompiti tal-ELA li jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata l-osservanza ta' drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali taħt kundizzjonijiet ta' ugwaljanza fil-pajjiż ospitanti, il-ġlieda kontra l-prattiki illegali ~~d-dumping soċjali~~, l-eżistenza ta' kompetizzjoni sana bejn l-impriżi u l-ġlieda kontra l-frodi fil-mobilità transkonfinali, problemi li l-Istati Membri ma jistgħux isolvu weħidhom.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 96

Kontra: 121

Astensjonijiet: 11